**Stqarrija Għall-Istampa – L-NCPE iffirmat Memorandum ta' Ftehim mal-Università ta' Malta**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) iffirmat Memorandum ta' Ftehim għall- kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta; dan fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza Rebecca Buttigieg. Dan il-Ftehim se jsaħħaħ il-kompetenza fix-xogħol ta' riċerka li se twettaq il-Kummissjoni fix-xhur li ġejjin b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Benesseri Soċjali.

Dan il-Ftehim se jissarraf f'rapport ta' riċerka dwar l-aspettattivi u l-attitudnijiet dwar ir-rwoli tan-nisa u tal-irġiel f'Malta. Se jiġu analizzati l-prevalenza u l-persistenza tal-isterjotipi f'oqsma differenti fis-soċjetà Maltija, u jitressqu rakkomandazzjonijiet bil-għan li tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka se jkomplu jitfgħu dawl dwar kemm il-mentalità patriarkali għadha preżenti fis-soċjetà u l-impatti li din tħalli fuq l-opinjonijiet u l-attitudnijiet tal-popolazzjoni Maltija. Dan l-istudju se jwassal għalhekk għat-tisħiħ tal-għarfien tal-NCPE dwar is-sitwazzjoni preżenti sabiex ix-xogħol tal-Kummissjoni jkun iktar infurmat u effettiv.

Ir-riżultati ta' din ir-riċerka se jinfurmaw ukoll il-bażi ta' kampanja ta' ħolqien ta' għarfien biex jiġu indirizzati sterjotipi u preġudizzji persistenti li jxekklu l-ugwaljanza. Din il-kampanja t'għarfien se ssir ukoll b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Benesseri Soċjali tal-Università ta' Malta.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza Rebecca Buttigieg esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għall-kollaborazzjoni li qed issir bejn il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza u l-Università ta' Malta li sservi ta' bażi biex jinħolqu aktar miżuri li jeliminaw d-diskriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fis-soċjetà Maltija. "Ir-riċerka hija kruċjali biex ikollna stampa ċara tal-kuntest nazzjonali. Filwaqt li saret riċerka estensiva internazzjonali fuq il-perċezzjonijiet li jinbtu mill-irwol tal-ġeneru, dan l-istudju ser jgħin sabiex juri l-avvanzi li saru fis-soċjetà Maltija fuq din it-tema filwaqt li nifhmu aħjar fejn jeħtieġ li ninvestu aktar biex nassiguraw li neliminaw il-preġudizzji u l-inugwaljanza," qalet Buttigieg.

Il-Prof. Alfred J. Vella, Rettur tal- Università ta' Malta stqarr li studji bħal dawn jipprovdu għarfien imprezzabbli li jkun ta' għajnuna lil min qiegħed fil-poter fix-xogħol tagħhom ta' żvilupp ta' *policies* u leġiżlazzjoni. Ir-Rettur irrefera wkoll għall-ewwel Pjan dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri addottat mill-Università ta' Malta.

L-NCPE tħares 'il quddiem għal din il-kollaborazzjoni u għal iktar ħidma mal-Università ta' Malta bil-għan li x-xogħol tal-NCPE ikun iktar infurmat u effettiv għal benefiċċju tas-soċjetà kollha.

**1 ta' Diċembru 2022**